**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 29 ta' Mejju, 2019**

Numru 28

**Rikors Guramentat Nru. 461/2018**

**World Water Fisheries Limited**

**vs**

**Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin u**
**l-Ministru tat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-14 ta' Mejju, 2018 li jghid hekk:

A. Il-fatti
Illi permezz ta' diversi ittri datati 7 ta' Marzu 2018 (Doks. G sa L) ir-Registratur tal-Bastimenti fi hdan Transport Malta u ghan-nom tar-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin bghat jinforma lill-esponenti li kien ser jaghti zmien sas-6 ta' April 2018 sabiex tirrimedja l-kawza li skond hu kienet ser twassal ghall-kancellament tar-registrazzjoni tal-imsemmija dghajjes indikati fl-ittri imsemmija, u fin-nuqqas ta' tali rimedju kien ser jirrokkomanda l-kancellament tar-registrazzjoni tal-imsemmija dghajjes tas-sajd mir-Registru tal-Bastimenti taht il-bandiera Maltija.

2. Illi skond l-imsemmija ittri l-bastimenti li kienu ser jigu milquta huma;
MV 'Albasel' bin-numru ufficjali 11886,
MV 'Marie De Lourdes' bin-numru ufficjali 14243,
MV 'Marie De Lourdes 111' bin-numru ufficjali 17083,
MV 'Marie De Lourdes V' bin-numru ufficjali 16872,
MV 'Marie De Lourdes I' bin-numru ufficjali 15096, u
MV 'Zeus' bin-numru ufficjali 04714.

3. Illi l-imsemmija ittri mibghuta lis-socjeta rikorrenti mir-Registratur tal-Bastimenti ma jaghtu ebda ndikazzjoni cara dwar il-kawza li tista' twassal ghall-kancellament tar-registrazzjoni tad-dghajjes hawn fuq imsemmija mir-Registru tal-Bastimenti taht il-Bandiera Maltija, hlief ir-raguni vaga ta' 'l-interess nazzjonali u l-interess tal-Maltese Shipping'.

4. Illi ghalkemm l-imsemmija ittri ma jaghtux indikazzjoni cara dwar il-kontest li fih inkitbu, jirrizulta mir-risposta fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 540/2018 fl-ismijiet premessi, li r-raguni li fuqhom hija mmsejjsa d-decizjoni ghall-kancellament tal-bastimenti ndikati fl-imsemmija ittri mir-Registratur tal-Bastimenti taht il-Bandiera Maltija hija unikament il-fatt li certu Darren Debono (ID 49474M) huwa azzjonista fil-kumpanija rikkorrenti, u li l-kumpanija rikorrenti flimkien ma' Darren Debono huma milquta minn sanzjonijiet mahruga mill-United States Office of Foreign Assets Control (OFAC).

5. Illi dawn is-sanzjonijiet mahruga mill-OFAC huma sanzjonijiet indirizzati unikament lill-cittadini, entitajiet u sudditi Amerikani, stante li l-OFAC hija agenzija statali Amerikana u ma ghandha ebda jurisdizzjoni fuq l-Stat sovran Malti.

6. Illi s-sur Darren Debono (ID 49474M) bhalissa jinsab ghaddej proceduri kriminali gewwa Sqallija, liema proceduri ghadhom sub judice , u sa fejn huwa maghruf l-imsemmija dghajjes ma huma milquta minn ebda ordni ta' frizar, la f'Malta u anqas barra minn Malta. Anqas ma hija implikata s-socjeta rikorrenti f dak li qed jkun implikat fih is-Sur Darren Debono personalment fi Sqallija.

7. Illi fi kwalunkwe kaz, il-kaz tas-Sur Darren Debono fi Sqallija ghadu sub judice u ghalhekk huwa ghadu meqjus u prezunt innocenti sakemm ma jinstabx hati minn Awtoritajiet gudizzjarji Maltin jew esteri. Illi fi kwalunkwe kaz l-ebda proceduri kriminali ma gew istitwiti fil-konfront ta' Darren Debono f'Malta.

8. Illi mit-trattazzjoni mal-mandat ta' inibizzjoni surreferit, jirrizulta li l-intimati kienu preparati, decizi u determinati li jikkancellaw il-bastiment nkwistjoni mir-registru tal-Bastimenti taht il-Bandiera Maltija sakemm l-imsemmi Darren Debono jnaddaf ismu minn dak li fih qed jkun implikat fi Sqallija. Illi dan ir-ragunament jmur kontra l-principju fundamentali tal-prezunzjoni tal-innocenza sakemm ma tinstabx htija fi process penali appozitu. Illi huwa evidenti li l-intimati qalbu l-principji legali ta' natura fundamentali ta' taht fuq u jippretendu li ghandhom jikkastigaw lil Darren Debono u l-kumpanija rikorrenti li fiha ghandu interess qabel jintemm il-process penali, u li huwa nnifsu li ghandu jipprova l-innocenza tieghu u mhux il-prova tal-htija minn minn qed jakkuzah.

9. Illi l-imgieba tal-intimati xxejjen is-saltna tad-dritt u hija ta' pregudizzju sproporzjonat ghad-dannu tas-socjeta rikorrenti.

10. Illi subbordanament u bla pregudizzju ghall-premess is-sur Darren Debono ilu snin twal fil-mistier u n-negozju tas-Sajd, u l-kumpanija tieghu xtrat id-dghajjes tas-Sajd wara hidma twila ghal diversi snin kif del resto jirriflettu d-denunzji tat-taxxa tieghu mal-Awtoritaijiet fiskali Maltin, u ghalhekk certament dawn id-dghajjes tas-sajd ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' dak li qed jkun implikat fih is-Sur Darren Debono fi Sqallija.

11. Illi dawn id-dghajjes huma dghajjes tas-sajd jew relatati mal-mistier tas-sajd, u s-socjeta esponenti timpjega ekwipagg ta' sitt persuni fuq kull dghajsa li l-ghixien taghhom u l-familji taghhomjiddependi mis-sajd u l-operazzjonijiet l-ohra relatati ma' dan il-mistier.

12. Illi l-operat ta' dawn l-bastimenti tas-sajd jirrizulta mill-'Vessel Monitoring System' adoperata taht il-kontroll tad-Dipartiment tas-Sajd, kifukoll mill:financial statements annwali u passati tal-kumpanija u dikjarazzjonijiet ohra fiskali li taghmel is-socjeta rikorrenti kull sena mal-Awtoritaijiet fiskali Maltin.

13. Illi dawn id-dghajjes jinsabu f'Malta u huma ukoll licenzjati sabiex jbahhru ghall-finijiet ta' sajd fil-meditterran jew xoghol iehor relatat, u kemm-il darba l-intimati jipprocedu bil-kancellament tar-registrazzjoni tal-imsemmija bastimenti mir-Registru tal-Bastimenti Malti, is-socjeta rikorrenti ser isoffri danni kbar u rreparabbli, kif del resto diga bdiet isofri u dana kif ser jkun pruvat ahjar fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawza.

14. Illi kieku l-intimati jithallew jikkancellaw l-imsemmija bastimenti mir-Registru tal-Bastimenti ta' Malta, il-bastimenti in kwistjoni jsibu ruhhom 'stateless' ghax bla bandiera, u konsegwentament jitilfu ukoll il-licenzi relattivi taghhom tas-Sajd u/jew in relazzjoni mas-Sajd kif mahruga mad-Dipartiment tas-Sajd u/jew Dipartimenti ohra relatati, u kif ukoll jintilfu l-impjiegi oltre danni konsiderevoli ohra.

15. Illi fid-dawl tas-suespost ir-rikorrenti otteniet a favur taghha u fil-konfront tal-intimati mandat ta' inibizzjoni numru 540/2018 fejn l-intimati gew inibiti milli jikkancellaw l-imsemmija bastimenti tas-sajd mir-Registru tal-Bastimenti taht il-Bandiera Maltija fi hdan Transport Malta.

16. Illi dan il-mandat ta' inibizzjoni gie deciz fuq il-premessi li l-pretensjonijiet vantanti mill-intimati huma ghal anqas prima facie rragonevoli ujoholqu zbilanc sostanzjali bejn id-drittijiet tar-rikorrenti w dak li l-intimati qeghdin jikkunsidraw bhala 'interess nazzj onali' .

17. Illi minkejja dan kollu l-intimati jew minn minnhom ghadhom qeghdin jippruvaw jfixklu lir-rikorrenti fl-operazzjonijiet taghha u qeghdin ukoll jaghmlu dak kollu li jistghu sabiex jzommu lill-bastimenti tas-socjeta rikorrenti u li terzi persuni estranji ohra li fihom ghandhom interess, mill-johorgu jbahhru ghall-finijiet ta' sajd, u dan kif ser jkun ukoll ppruvat dettaljatament fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawza.

18. Illi subbordanament u bla pregudizzju ghall-premess, ghalkemm il-bastimenti in kwistjoni ghandhom sallum rregistrati fuq isem is-socjeta rikorrenti, terzi persuni estranji ghandhom ukoll sehem u interess f'uhud mill-imsemmija bastimenti stante li xtraw ishma minn uhud mill-imsemmija bastimenti, u dwar dana l-intimat Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin huwa ben konnoxxenti.

19. Illi s-socjeta rikorrenti ghandha bzonn tassalda obbligazzjonijiet kuntrattwali ma' terzi persuni, fosthom li tonora l-bejgh ta' ishma fl-imsemmija bastimenti jew uhud minnhom, kif ukoll thallas u tonora obbligazzjonijiet ohra li ghandha ma' terzi.

20. Illi llum l-intimati qeghdin ukoll jirrifjutaw li jawtorizzaw li jsir it-trasferiment eventwali ta' dawn il-bastimenti jew ishma minnhom fuq isem terzi persuni li diga xtraw jew li ghandhom l-intenzjoni jixtru sshma fl-imsemmija bastimenti. Illi l-intenzjoni tal-intimati hija unikament intiza sabiex filwaqt li jduru mal-konkluzjonijiet milhuqa mill-Qorti fid-digriet taghha tal-mandat ta' inibizzjoni, ikomplu jfixklu u jistagnaw l-operat tar-rikorrenti u jzommuha milli hija tonora l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha ma' terzi persuni, u dana kif ser jkun pruvat dettaljatament fil-mora u t-trattazzjoni tal-kawza.

21. Illi l-agir irragonevoli u sproporzjonat da parti tal-intimati jew minn minnhom ikkawza u ghadu qed jikkawza danni sostanzjali fil-konfront tas-socjeta rikorrenti u terzi persuni ohra estranji ghal dawn il-proceduri.

22. Illi ghalhekk huwa necessarju li s-socjeta rikorrenti tithalla topera bla tfixkil u tithalla tbiegh u titrasferixxi l-interessi taghha lill-terzi persuni liberalment, interalia sabiex tonora l-obbligazzjonijiet taghha fil-konfront ta' terzi persuni u kif ukoll sabiex tissodisfa l-htigijiet kummercjali taghha skond il-ligi.

23. Illi inoltre, huwa ukoll mehtieg li l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni surreferit jergghu ghal darba jkunu kkonfermati stante li ma tezisti ebda gustifikazzjoni ghaliex il-bastimenti in kwistjoni jkunu mnehhija mir-Registru tal-Bastimenti taht il-Bandiera Maltija, u li d-drittijiet tas-socjeta rikorrenti in rigward ir-registrazzjoni tad-dghajjes tas-sajd hawn fuq imsemmija ghandhom jkunu protetti, u dana ghaliex fin-nuqqas id-drittijiet tal-esponenti u l-ekwipagg impjegat mill-esponenti jigu pregudikati rrimedjabbilment, stante li jitilfu l-licenzja tas-sajd jew licenzji ohra relattivi, kif ukoll hobzhom bhala konsegwenza tal-kancellament tar-registrazzjoni imsemmija, oltre danni sostanzjali ohra ulterjuri.

24. Illi l-imsemmi Poala Mannino fil-kwalita tieghu ta' direttur tas-socjeta rikorrenti jiddikjara li huwa jaf il-fatti kollha ta' dina l-kawza personalment.

B. Raguni ghat-talbiet f'dawn il-proceduri

25. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru stante illi l-intimati ghadhom qeghdin jippersistu fid-decizjoni taghhom li jikkancellaw il-bastimenti mir-Registru tal-Bastimenti taht il-Bandiera Maltija, oltre li qeghdin jostakulaw lis-socjeta rikorrenti milli titrasferixxi l-interessi taghha fl-imsemmija bastimenti, u kifukoll minhabba li l-agir irragonevoli u sproporzjonat da parti tal-intimati kkawza u ghadu qed jikkawza danni sostanzjali kbar u rreparabbli de fronte tar-rikorrenti.

C. Talbiet tar-rikorrent

Ghaldaqstant r-rikorrenti in vista ta' dak kollu fuq premess, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara li l-agir tal-intimati kif hawn fuq deskritt huwa wiehed rragonevoli u sproporzjonat fil-konfront tas-socjeta rikorrenti.

2. Tiddikjara li tali agir tal-intimati fil-konfront tas-socjeta rikorrenti kkawza danni bla bzonn lis-socjeta rikorrenti.

3. Tiddikjara li l-intimati ma ghandhom ebda dritt li jikkancellaw mir-Registru tal-Bastimenti taht il-Bandiera Maltija, l-Bastimenti MV 'Albasel' bin-numru ufficjali 11886, MV 'Marie De Lourdes' bin-numru ufficjali 14243, MV 'Marie De Lourdes 111' bin-numru ufficjali 17083, MV 'Marie De Lourdes V' bin-numru ufficjali 16872, MV 'Marie De Lourdes l' bin-numru ufficjali 15096 u MV ‘Zeus' bin-numru ufficjali 04714.

4. Tiddikjara li s-socjeta rikorrenti ghandha dritt li titrasferixxi liberalment l-assi taghha u l-interessi taghha nkluzi fil-bastimenti hawn fuq imsemmija.

5. Tawtorizza lis-socjeta rikorrenti sabiex jekk thoss opportun titrasferixxi mill-assi taghha liberalment u bla tixkil.

6. Tillikwida d-danni kollha soferti mis-socjeta rikkorrenti okkorrendo jekk jkun hemm il-htiega bil-hatra ta' periti nominandi.

7. Tikkundanna lill-intimati sabiex jhallsu lis-socjeta rikorrenti dik is-somma hekk likwidati in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati nkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 540/2018 u bl-intimati minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

Eccezzjonijiet preliminari
1. Illi in linea preliminari, il-Ministru esponenti mhuwiex il-Iegittimu kontradittur ghall-azzjoni a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12;

2. Illi preliminarjament, l-esponent qed jeccepixxi n-nullita tar-rikors guramentat stante Ii jikkontjeni talbiet Ii huma kontradittorji u konfliggenti (allegans contraria non est audiendus), tant Ii dawn l-istess talbiet gew rezi inammissibbli skont il-ligi stante illi t-talbiet ma jidentifikawx x'inhu d-dritt illi fuqu hija bbazata l-azzjoni b'tali mod illi mhuwiex identifikabbli x’inhi n-natura tal-azzjoni mressqa mill-kumpanija rikorrenti, kif ser jigi muri ahjar waqt is-smigh tal-kawza;

3. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu t-talbiet attrici jirrigwardaw ir-ragonevolezza tal-agir tal-esponenti u dan abbazi ta' kif gie fformolat l-ilment u mir-rimedju mitlub, huwa evidenti Ii din il-kawza hija azzjoni purament ta' stharrig gudizzjarju ta' eghmil amminstrattiv u kwindi ghandhom japplikaw ir-regoli mnizzla fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Vide: Dragonara Gaming Limited vs II-Ministru tal-Finanzi et, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Ottubru 2017; u Roberto Zamboni noe vs Direttur tal-Kuntratti et, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2002) u tali azzjoni ghalhekk tiskatta biss wara Ii tittiehed decizjoni da parti tal-amministrazzjoni. Ghalhekk l-esponenti qeghdin formalment jeccepixxu n-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti in kwantu kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti mar-rikors promotur, l-esponenti ma ghadhom hadu l-ebda decizjoni Ii timmerita Ii tigi mistharrga gudizzjarjament;

4.1 Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, esponenti jeccepixxu Ii dak Ii l-kumpanija attrici tirreferi ghaIiha bhala decizjoni ma tinkwadrax ruhha taht it-tifsira ta' x'jikkostitwixxi 'eghmil amministrattiv' ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap.

12 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni sabiex tistharreg dak li qieghed jintalab mill-kumpanija rikorrenti. Illi l-esponenti ma taw l-ebda ordni jew direttiva li tista' qatt tammonta ghal 'eghmil amminstrattiv' li jahseb ghalih l-Artikolu 469A(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi kienet l-istess kumpanija rikorrenti li permezz tal-mandat ta' inibizzjoni numru 539/2018JRM, waqqfet lill-esponenti milli johorgu decizjoni finali fir-rigward tal-bastimenti mertu ta' dan il-kaz. Ghaldaqstant, dawn il-proceduri huma irriti u nulli ghaliex jonqos ir-rekwizit ta' eghmil amministrattiv u r-rikorrenti ma tistax tibda proceduri ta' din ix-xorta a bazi ta' avviz kif muri fid-dokument ipprezentat mill-kumpanija rikorrenti stess u mmarkat bhala 'Dok. D';

4.2 Illi f'dan ir-rigward, l-artikolu 29(3) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kap. 234 tal-Ligijiet tal Malta) jispecifika li:
“Qabel il-hrug ta' xi ordni jew direttiva bhal dawk, ir-registratur ghandu jaghti avviz tal xahar bil-miktub lis-sid registrat u lil kull kreditur ipotekarju registrat, dwar l-intenzjoni tieghu li jaghlaq ir-registrazzjoni kemm-il darba l-kawza ghal dak l-gheluq ma tigix rimedjata (enfasi mizjud)." Huwa dan l-avviz li gie mahrug mill-esponenti, liema avviz jipprecedi kwalunkwe eghmil amministrattiv ai termini tal-artikolu 469A, u dan ghalhekk huwa prova kogenti li l-ordni jew direttiva kienet ghadha ma hargitx u li l-ittra ricevuta mir-rikorrenti kienet biss avviz ta' xahar bil-miktub kif mitlub mil-ligi li bl-ebda mod u manjiera ma seta' jitqies bhala decizjoni finali;

4.3 Fid-dawl ta' dan, huwa importanti li jigi osservat li l-Qorti taht l-artikolu 469A bhala Qorti ta' revizjoni ma tistax tiehu post l-esponenti li huma nies specjalizzati fil-qasam taghhom u fil-fatt, is-setgha tal-Qorti meta tintalab tistharreg eghmil amministrativ hija dik li tqis is-siwi ta' eghmil amministrattiv minghajr ma hija stess tiehu d-decizjoni minflok l-awtorita kompetenti moghnija bil-ligi b'dak il-poter. (Dan il-principju gie affermat fil-kawzi fl-ismijiet Joseph Attard vs Enemalta Corporation deciza mill-lmhallef Geoffrey Valenzia fil-5 ta' Ottubru 2001 u Antoniette Greta Grima vs Ministru ghall-Edukazzjoni u Impjiegi deciza mill-Imhallef Joseph R. Micallef fit-2 ta' Jannar 2015). Issa fil-kaz prezenti, ma hemmx ghemil amministrattiv li ghandu jigi mgharbel minn din il-Qorti u ghaldaqstant proceduri bhal dawn ma jistghu qatt jissussistu quddiem din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju, fir-rigward ta' allegati danni mitluba mill-kumpanija rikorrenti, il-kumpanija trid iggib prova cara li l-esponenti agixxew in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 469A(5);

Eccezzjonijiet fuq il-mertu
6. Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu, l-esponenti jirrespingu bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imnizzla fir-rikors tal-kumpanija rikorrenti ghaliex dawn huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Illi l-kumpanija rikorrenti hija wahda mill-kumpaniji msemmija fil-lista mahruga mill-'Office of Foreign Assets Control (OFAC), tal-'U.S. Department of the Treasury'. Dan l-Ufficcju stabbilit f'Dicembru tal-1950 f'Washington, jipprojbixxi cittadini tal-Istati Uniti u residenti permanenti milli jaghmlu xi forma ta' negozju ma' xi wiehed mill-persuni (legali u naturali), bastimenti u organizazzjonijiet imnizzla fil-lista msemmija. Ghandu wkoll is-setgha li jikkundanna ghal penali harxa immens lill-entitajiet li jinjoraw id-

direttivi taghha, liema penali jinkludu impozizzjoni ta' multi, iffrizar ta' assi u jwaqqfu partijiet milli jkomplu jinnegozjaw mal-Istati Uniti;

8. Illi l-bastiment ALBASEL (Numru Ufficjali: 11886), registrat taht il-bandiera Maltija, ghalkemm mhux imsemmi fil-lista tal-OFAC, huwa proprjeta tal-kumpanija rikorrenti;

9. Illi l-bastiment MARIE DE LOURDES III (Numru Ufficjali: 17083), registrat taht il-bandiera Maltija, ghalkemm mhux imsemmi fil-lista tal-OFAC, huwa proprjeta tal-kumpanija rikorrenti;

10. Illi l-bastimenti MARIE DE LOURDES (Numru Ufficjali: 14243), MARIE DE LOURDES I (Numru Ufficjali: 15096) u MARIE DE LOURDES V (Numru Ufficjali: 16872) huma kollha msemmija fil-lista mahruga mill-'Office of Foreign Assets Control (OFAC), tal-'U.s. Department of the Treasury' u kollha kemm huma jappartjenu lill-kumpanija rikorrenti;

11. Il-lista ta' sanzjonijiet msemmija hafna drabi tkun ibbazata fuq mandati internazzjonali u tan-Nazzjonijiet Uniti u jinvolvu kooperazzjoni ma' gvernijiet ohra. Din il-lista mahruga mill-Istati Uniti, tissanzjona individwi, kumpaniji u bastimenti li jheddu l-paci, is-sigurta u l-istabbilita tal-Libja bl-involviment taghhom fin-negozju illecitu ta' zejt Libjan;

12. Illi l-fatt li l-kumpanija rikorrenti, xi whud mill-bastimenti msemmija fir-rikors u Darren Debono, li huwa azzjonista ewlieni f'din il-kumpanija, jissemmew fil-lista tal-OFAC, jitfa' dell ikrah fuq Malta u fuq ir-registru tal-bastimenti Maltin. Ghalhekk, l-Istat Malti jrid jiehu azzjoni immedjata meta individwi, kumpaniji u bastimenti jkunu mnizzla fuq din il-lista (blacklisted), ezattament kif ghamel fil-kaz prezenti. Fil-fatt, l-artikolu 29 tal-Kap. 234 jaghti s-setgha lill-Ministru (Skont l-artikolu 2 tal-Kap. 234, "Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli ghall-bastimenti u tinkludi kullpersuna li tagixxi taht l-awtorita tieghu, fdan il-kaz, ir-Registratur tal-Bastimenti) sabiex jordna li bastiment ma jibqax ikun registrat jekk ikun fl-interess nazzjonali jew fl-interess tal-bastimenti Maltin;

13. Illi l-avviz mertu ta' dawn il-proceduri kien imsejjes fuq direttiva tal-Bord ta' Sorveljanza dwar Sanzjonijiet, liema Bord gie mwaqqaf bl-avviz legali 562 tal-2010 (L.S. 365.08) u ghandu l-funzjoni li jissarvelja li r-regolamenti maghmulin bis-sahha tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365), jithaddmu. Dan il-Bord johrog linji gwida li gew ipprezentati mill-kumpanija rikorrenti u mmarkati bhala 'Dok. C' liema dokument huwa wiehed generali ndirizzat lill-istituzzjonijiet finanzjarji u lill-operaturi ekonomici kollha fir-rigward ta' kull entita mnizzla fuq il-lista. Izda specifikament fir-rigward tal-kumpanija rikorrenti, il-Bord baghat ittra lill-Ministru, hawn annessa u mmarkata Dok. RB2 fejn irrakkomanda s-segwenti:
"The Board's recommendation is for Transport Malta to actively and urgently consider deflagging the mentioned vessels in terms of Article 29 of the Merchant Shipping Act. The Board believes that, in doing so, Malta would be sending a strong message, nationally and internationally on matters relating to the observance of international law."

14. F'dan il-kuntest wiehed ma jridx jinsa l-isforzi u l-investimenti kbar li Malta ilha taghmel fis-settur Marittimu biex wasalna fejn qeghdin illum. Fil-fatt ir-registru Malti

tal-vapuri huwa l-akbar registru merkantili fl-Unjoni Ewropea u s-sitt l-akbar fid-dinja. Dan il-fatt huwa xhieda tal-fama tajba u tal-kwalita superjuri tal-bastimenti li huma rregistrati taht il-bandiera Maltija. Din is-serjeta li ggib maghha l-bandiera Maltija hija sforz id-decizjonijiet ghaqlija li ttiehdu matul iz-zminijiet u f'dawn ix-xenarji ma jittiehdux riskji. Huwa riskju irragonevoli li tinjora, kif tridna naghmlu r-rikorrenti, il-lista mahruga mill-OFAC li tikkontjeni numru ta' kumpaniji, persuni u bastimenti li gew blacklisted. Din l-impossibilita ta' azzjoni li r-rikorrenti trid li l-Istat Malti jkollu fil-konfront ta' din il-lista, certament ikollha effetti internazzjonali inpronunzjabbli u rrimedjabbli;

15. Illi sabiex Malta tattira iktar vapuri u zzomm il-vapuri li huma diga rregistrati taht il-bandiera marittima Maltija, trid tara li l-vapuri u l-kumpaniji relatati maghhom ikunu hielsa minn kwalunkwe allegazzjonijiet ta' natura gravissima bhalma huwa l-kaz prezenti. Snin twal ta' hidma jistghu jisfumaw fix-xejn meta jittiehdu decizjonijiet irresponsabbli, kif ir-rikorrenti qed tittanta tisforza lill-intimati jaghmlu. Fil-fatt hija l-kontinwazzjoni tar-registrazzjoni ta' tali bastiment illi tippregudika l-interessi tal-Istat Malti, u ghalhekk huwa fl-interess nazzjonali u fl-interess tal-Maltese Shipping li jigu kkancellati mir-registru tal-bastimenti Maltin il-bastimenti msemmija;

16. Illi kuntrarjament ghal dak li qed jintqal mis-socjeta rikorrenti, ir-raguni illi nghatat ghall-kancellament tar-registrazzjoni tal-bastimenti msemmija ma hijiex vaga. Il-kancellament tar-registrazzjoni fl-interess nazzjonali hija raguni specifika u ta' importanza kbira moghtija specifikatament mil-ligi sabiex tilqa' ghal cirkustanzi li jippregudikaw l-interessi tal-Istat Malti;

17. Illi l-istess kumpanija rikorrenti nghatat il-possibilita li taghmel ir-rapprezentazzjonijiet taghha dwar ir-rimedju li tkun adoperat sabiex tindirizza dak ravvizat mir-Registratur fl-avviz tieghu mahrug ai termini tal-Artikolu 29(3) tal-Kap. 234, izda minkejja dina l-opportunita, il-kumpanija rikorrenti ma rrimedjatx in-nuqqas ravvizat;

18. Illi ghal dak li jirrigwarda l-kwistjoni ta' trasferiment ta' bastimenti jew ishma, l-esponenti jissottomettu li mir-rikors promotur johrog bic-car li l-kumpanija rikorrenti mhux qed tifhem l-implikazzjonijiet gravi tal-mezz straordinarju utilizzat minnha nnifisha u cioe l-mandat ta' inibizzjoni, ghaliex huwa minhabba li l-mandat gie milqugh mill-Qorti li ma jista' jsir l-ebda trasferiment ta' dawn il-bastimenti jew ishma minnhom fuq isem terzi persuni li diga xtraw jew li ghandhom l-intenzjoni li jixtru l-ishma fl-imsemmija bastimenti. Huwa l-mandat li fethet il-kumpanija rikorrenti kontra l-esponenti li qed izomm lill-intimati milli jagixxu direttament jew indirettament bi ksur tal-ordni tal-Qorti u dan ai termini tal-artikolu 873(4) tal-Kap. 12;

19. Illi in finis, fid-dawl ta' dak li ntqal fuq, l-esponenti dejjem imxew fil-parametri tal-ligi, b'mod ragonevoli u fl-ebda mument ma abbuzaw mill-poteri u funzjonijiet vestiti fihom u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi sabiex tichad in toto t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti;

20. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija rikorrenti ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat l-atti, il-mandat ta’ inibizzjoni u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Fil-mori tal-proceduri s-socjeta attrici irtirat it-tieni, is-sitta u s-seba’ talbiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel erba’ eccezzjonijiet preliminari.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ta’ stharrig gudizjarju ta’ eghmil amministrattiv. Is-socjeta attrici qed tikkontendi illi l-konvenuti qed jippersistu fid-decizjoni li jikkancellaw il-bastimenti MV Albasel, MV Marie De Lourdes, MV Marie De Lourdes III, MV Marie De Lourdes V, MV Marie De Lourdes I, u MV Zeus mir-registru tal-bastimenti Malti u per konsegwenza qed jostakolaw it-trasferiment tal-interess li s-socjeta attrici ghandha ma’ terzi u dan kollu minhabba li tali decizjoni hi irragonevoli u sproporzjonata.

Il-konvenuti laqqghu ghal din l-azzjoni b’erba’ eccezzjonijiet preliminari. Qed jghidu li l-Ministru mhux legittimu kontradittur minhabba dak li jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kap. 12; l-azzjoni hi nulla ghax s-socjeta attrici ma identifikatx id-dritt reklamat u n-nattura tal-azzjoni; billi jidher li l-azzjoni taqa’ fl-ambitu tal-artikolu 469A jonqos it-tehid tad-decizjoni necessarja biex minnha jiskatta d-dritt ta’ azzjoni; jonqos ukoll l-element ta’ eghmil amministrattiv billi ma inghatat ebda ordni jew direttiva li tista’ tammonta ghal eghmil amministrattiv.

L-isfond tal-kawza hu s-segwenti. Fil-27 ta’ April 2018 il-Qorti laqghet it-talba tas-socjeta attrici ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-konvenuti. Fid-digriet tal-Qorti diversament preseduta inghatat l-kronologija tal-fatti li wasslu ghat-talba ghal hrug tal-mandat. Intqal hekk:

> Il-hames bcejjec tal-bahar mertu tar-rikors in kwistjoni huma propjeta` tar-rikorrenti. Il-hamsa huma bastimenti registrati taht il-bandiera Maltija. Ghandhom ukoll licenzja tas-sajd mahruga mid-Dipartiment tas-Sajd.
>
> Fost l-azzjonisti tar-rikorrenti, hemm Darren Debono, li fi zminijiet ricenti, kien arrestat (u ghadu arrestat) fl-Italja ghax huwa akkuzat li kien involut ma` haddiehor fl-importazzjoni llecita ta` fuel lejn l-Italja mil-Libja. Il-proceduri kontra Debono fl-Italja ghadhom pendenti. Ma jirrizultax li kontra l-istess persuna, go Malta, hemm proceduri ohra dwar allegati reati tax-xorta li bihom huwa mixli fl-Italja.

L-intimati kitbu lir-rikorrenti dwar dawn il-hames bcejjec tal-bahar. Jidher li baghtu hames avvizi, wiehed ghal kull bicca tal-bahar. Erbgha minnhom kienu prezentati mir-rikorrenti mar-rikors promotur. Ghala kienu prezentati erbgha mhux hamsa ma rrizultax. Jibqa` l-fatt mhux kontestat mill-intimati li ntbaghtu hames avvizi.

Fl-avvizi li jgibu d-data tas-7 ta` Marzu 2018, wara li saret referenza ghall-Art 29 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta` Malta, ir-rikorrenti kienet avzata li jekk sas-6 ta` April 2018 ma tirrimedjax, allura il-hames bcejjec tal-bahar ma jibqghux registrati fir-registru Malti.

Ghall-avvizi jidher li kien hemm twegiba wahda bil-miktub li baghat Sammy Vella fid-29 ta` Marzu 2018 fejn iddikjara ruhu bhala kompropjetarju tal-bastiment Albasel. Fiha ndika r-ragunijiet tieghu ghala m`ghandux isehh dak intimat fl-avviz.

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, l-avukat tar-rikorrenti rrileva li ghalkemm inkitbet biss l-ittra tad-29 ta` Marzu 2018, ir-rapprezentanti tar-rikorrenti, wara l-ittri tas-7 ta` Marzu 2018, tkellmu mal-ufficjali tar-Registru tal-Bastimenti.

Ir-ragunijiet tar-rikorrenti ghala m`ghandux ikun hemm il-kancellament tar-registrazzjoni huma ndikati fir-rikors odjern; ewlenija fost ir-ragunijiet hemm dik illi l-hames bcejjec tal-bahar huma kollha dghajjes tas-sajd, li jinghad li dejjem intuzaw ghal dak l-iskop, minghajr l-icken suspett ta` attivita` llecita fl-esercizzju tal-licenzja taghhom.

Ghalhekk jikkontendu li ma hemm ebda raguni fondata fid-dritt ghala ghandu jkun hemm it-thassir tar-registrazzjoni.

L-intimati jghidu li l-avvizi tas-7 ta` Marzu 2018 intbaghtu fl-interess nazzjonali u tal-qasam marittimu Malti.

Ighidu li l-imputazzjonijiet li bihom huwa mixli Darren Debono fl-Italja jaghmlu hsara lill-pajjiz tenut kont li r-registru Malti huwa l-akbar wiehed fl-Ewropa u jgawdi reputazzjoni tajba hafna. Ghalhekk huwa fl-interess nazzjonali li r-registru Malti ma jittebbax b`agir bhal dak ta` Darren Debono u tar-rikorrenti.

Biex wasal sal-grad gholi li jinsab illum ir-registru Malti ghadda minn triq twila u l-interess nazzjonali jiddetta li xejn u hadd ma jimmina u jippregudika dak li nkiseb matul is-snin.

Skont l-intimati, il-gravita` tal-agir ta` Darren Debono u/jew tar-rikorrenti jigi mill-fatt illi nkisru s-sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurta` tal-Gnus Maghquda u tal-Gvern tal-Istati Uniti li specifikament jipprojbixxu lesportazzjoni mhux awtorizzata u llecita ta` fuel mil-Libja.

Jikkontendu li r-ragunijiet tar-rikorrenti huma nsodisfacjenti u ghalhekk ghandhom kull jedd jikkancellaw ir-registrazzjoni tal-hames bcejjec tal-bahar.

Sussegwenti ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, u billi ma jidhirx li kien hemm sbokk fis-sitwazzjoni infethet il-kawza fl-14 ta' Mejju 2018.

Il-Qorti hi prekluza milli tidhol fil-mertu f'dan l-istadju izda trid tikkunsidra biss l-eccezzjonijiet preliminari mqajma mill-konvenuti tenut kont tal-azzjoni u talbiet attrici.

**L-ewwel eccezzjoni**

Il-konvenuti jsostnu li l-Ministru mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri ghax hemm kap ta' dipartiment responsabbli ghall-agir sotto skrutinju u japplika l-artikolu 181B tal-Kap. 12. Din il-Qorti ma taqbilx. Ghalkemm mill-provi prodotti anki fil-mori ta' dawn il-proceduri ma jirrizultax b'mod car minn kien qed jew ser jiehu d-decizjonijiet relattivi ghal kaz, l-ittra tas-7 ta' Marzu 2018 hi cara u tghid li d-diregistrazzjoni ta' vapur tista' issir fl-interess nazzjonali jew il-qasam marittimu Malti. Dan ifisser illi kien qed jigi kwotat l-artikolu 29(1) tal-Kap. 234 li jghid hekk:

> Il-Ministru jista' jordna li bastiment ma jibqax ikun registrat jekk ikun fl-interess nazzjonali jew fl-interess tal-bastimenti Maltin.

Di fatti r-registratur generali tal-bastimenti ghandu l-poter ta' diregistrazzjni f'kazijiet differenti cioe ta' natura amministrattiva skont l-artikolu 29(2) tal-Kap. 234. Dan jixhdu l-istess Dr Ivan Sammut meta xehed quddiem il-Qorti fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019. Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti illi l-eccezzjoni tal-konvenut Ministeru mhux flokha ghax id-decizjoni fl-ahhar mill-ahhar kienet tispetta lilu f'dan il-kaz u jsehh dak li jipprovdi bl-artikolu 29(3) gheluq ix-xahar mill-avviz li jghid hekk:

> Ma' gheluq l-imsemmi xahar mill-ghoti tal-avviz u malli jircievi l-ordni minghand il-Ministru jew id-direttiva minghand ir-Registratur-Generali, skont il-kaz, ir-reristratur ghandu jnizzel dan fir-reristru u l-bastiment minnufih ma jibqax bastiment Malti u r-retistrazzjoni tal-bastiment titqies bhala maghluqa hlief safejn tirreferi ghal xi ipoteki navali u privileggi mhux sodisfatti mnizzla fiha, u l-kredituri ipotekarji jkollhom id-dritt li jitolbu l-bejgh immedjat tal-bastiment jew sehem fih bhallikieku d-debitur ma zammx mal-kundizzjonijiet kollha li tahthom ikun inghata l-kreditu.

Ghalhekk hu l-Ministru li jrid jaghti l-ordni f'dan il-kaz skont ma jipprovdi l-artikolu 29(1) maghdud mal-artikolu 29(3) tal-Kap. 234.

**Eccezzjoni dwar in-nullita tal-azzjoni**

Din l-eccezzjoni giet sorvolata b'nota tas-socjeta attrici a fol. 42 tal-process li iddikjarat li l-azzjoni hi wahda taht l-artikolu 469A tal-Kap. 12. Del resto anki l-istess konvenuti jibnu whud mill-eccezzjonijiet fuq dan l-artikolu u ghalhekk ma hemm xejn null fil-kawza attrici. Jekk hiex fondata jew le fil-mertu a bazi tat-talbiet promossi hi kwistjoni ohra.

**Eccezzjoni li ma ittiehdet ebda decizjoni li b'konsegwenza taghha setghet tinbeda din il-kawza**

In tema legali ssir referenza ghas-sentenza **Hamid Rami vs Id-Direttur tac-Cittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijazzjoni et** (PA 07/02/2014), fejn dik il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni:

> Illi huwa stabbilit ukoll li biex wiehed jista' jressaq azzjoni ta' stharrig gudizzjarju, jehtieg juri li kien hemm xi decizjoni jew rifjut ghal talba maghmula jew il-hrug ta' kull ordni, licenza, permess jew warrant li jsiru minn awtorita pubblika sakemm din id-decizjoni, ordni, licenza, permess jew warrant ma ssirx bil-ghan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fi hdan dik l-istess awtorita'. Izda mhux kull kitba li tohrog minn hdan xi awtorita' pubblika tikkostitwixxi "decizjoni": biex ikollha dawk il-kwalitajiet, dik il-kitba trid tkun ghalqet kwestjoni jew ilment billi tghid li dik hija l-fehma ahharija tal-awtorita pubblika li tkun ghall-ilment jew ghat-talba li jkunu sarulha.

Jista' jinghad illi l-ittra tas-7 ta' Marzu 2018 ma ghalqet ebda kwistjoni jew inghatat ebda decizjoni mill-Ministru. Il-Qorti hi tal-fehma illi decizjoni jew ordni trid tkun cara bizzejjed li tati x'tifhem lil parti li hemm finalita amministrattiva ghal kwistjoni. Hu minnu illi l-ittra tas-7 ta' Marzu 2018 taghti perjodu ta' xahar biex tigi rimedjata sitwazzjoni, liema sitwazzjoni ma gietx iccarata f'hiex tikkonsisti fl-istess ittra, pero fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni li inbdew lejliet l-gheluq tax-xahar jirrizulta b'mod car mill-verbal tal-konvenut registratur generali tal-bastimenti tad-19 ta' April 2018 quddiem il-Qorti li kieku mhux ghal fatt tal-proceduri ta' inibizzjoni, il-process tal-kancellament kien jitwettaq. L-istess Ministru fix-xiehda tieghu waqt il-kawza jistqarr li kien ta' struzzjonijiet lir-registratur tal-bastimenti biex ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Sorveljanza tas-6 ta' Marzu 2018 li tinghalq ir-registrazzjoni tigi milqugha minhabba l-hsara li tista issir lil bandiera Maltija. Kwindi ghalhekk l-ittra infisha tas-7 ta' Marzu 2018 ma kinitx per se gheluq ta' registrazzjoni, pero it-terminu ta'xahar hemm impost kien wiehed biss ta' sospensjoni ta' decizjoni gia mehuda u billi l-kwistjoni baqghet l-istess sa gheluq ix-xahar minn dik l-ittra, jista' jinghad b'liberta shiha illi d-decizjoni

hadet effett fis-7 ta’ April 2018 u skatta t-terminu tas-socjeta attrici biex tikkontesta r-raguni ghad-decizjoni mehuda ta’ tnehhija tal-registrazzoni tal-bastiment proprjeta tas-socjeta attrici.

Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll qed tigi michdua.

**Ir-raba’ eccezzjoni**

Il-konvenuti jissottomettu li ma kien hemm ebda eghmil amministrattiv ghax ma kien hemm ebda ordni jew direttiva li tammonta ghal eghmil amministrattiv. Din il-Qorti issib li l-fatti urew il-kuntrarju. L-ittra tas-7 ta’ Marzu 2018 kien eghmil amministrattiv ta’ awtorita pubblika li imxiet direttament fuq direzzjoni ministerjali sabiex tinforma lis-socjeta attrici li kien ser jitnehha r-registrazzjoni tal-vapur proprjeta tas-socjeta attrici entro xahar minn dik id-data jekk is-sitwazzjoni attwali tibqa’ fis-sehh. Kif inghad fit-tielet eccezzjoni din kienet decizjoni amministrattiva sospiza ghal xahar u jekk is-sitwazzjoni kellha tibqa’ kif inhi, kif fil-fatt baqghet, id-decizjoni kienet tiehu effett.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad l-ewwel erba’ eccezzjonijiet tal-konvenuti, l-ispejjez riservati ghal gudizzju finali.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur